MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1076/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**EMANUEL PACE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Pace ta' 56 sena bin Antonio u Manuela nee' Redman imwieled Floriana fi 9 ta' Dicembru 1955 u joqghod 30 St. Mary, Triq Id-Dghajjes, Rahal Gdid, detentur tal-karta ta' l-Identita' b'numru 19956M.

Gie akkuzat talli, fi 22 ta' Settembru 2012 ghal habta ta' 5.45pm u/jew hinijiet qabel fi Triq Haz-Zabbar Fgura u/jew postijiet ohra f'dawn il-gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sean Pace minn Rahal Gdid liema delitt ma kienx esegwit minhabba xi haga accidentali u mill-vololnta tieghu u liema ferita kieku saret setghat gabet periklu tal-hajja jew debbullizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi part ital-gisem ta' Sean Pace.

2. Talli, fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ibnu Sean Pace minn Rahal Gdid skond ma ccertifikat Dr Cristina Mintoff Reg Nru 5303 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid.

3. Talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla ISUZU PICKUP numru tar-registrazzjoni FAS261 b'manjiera perikoluza.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

5. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi hebb kontra Sean Pace minn Rahal Gdid sabiex jingurjah, idejqu, jew jaghmillu hsara.

6. Il-prosekuzzjoni talbet lil-Qorti f'sejbien ta' htija Emanuel Pace jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Sean Pace u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputat Emanuel Pace m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi 1., 3. u 4. migjuba kontra tieghu taht cirkostanzi specjali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi 1., 3. u 4. migjuba kontra tieghu taht cirkustanzi specjali.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Sean Pace iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u inoltre iddikjara li s-sitwazzjoni bejnu u bejn l-imputat illum hija tajba hafna.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li dan kien incident sfortunat familjari. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix ghall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u lanqas tinsisti ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 214, 216 u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Pace, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi 1., 3. u 4. migjuba kontra tieghu taht cirkostanzi specjali u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, li l-parte civile Sean Pace iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u inoltre iddikjara li s-sitwazzjoni bejnu u bejn l-imputat illum hija tajba hafna u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li dan kien incident sfortunat familjari, tillibera lill-istess imputat Emanuel Pace taht il-Provvediment tal-artikolu 22

tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-akkuzi 2. u 5. migjuba kontra l-imputat Emanuel Pace il-Qorti tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja da parti tal-parte civile.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Pace l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------